**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 181/2000**

**Il-Pulizija (Spettur David Gatt)**

**Vs**

**JOSEPH CAMILLERI**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Camilleri akkuzat talli (**1**) fis-27 ta'April, 2000, ghal habta tad-9.30 a.m., gewwa l-gonna tal-Palazz tal-Buskett, limiti tar-Rabat, garr senter numru 484911 tal-marka Fabarm, haversack, u 86 il-skartocc, ikkaccja jew ferixxa, jew ipprova jikkaccja ghasfur f'riserva naturali, u dan ai termini ta' l-Artikolu 21 (A) tar-Regolamenti tal-1933 dwar il-harsien ta' l-ghasafar u l-fenek selvagg, (**2**) fl-istess data, hin u lok, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu, arma tan-nar, munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar f'riserva naturali, u dan ai termini ta' l-Artikolu 21 (C) ta' l-istess Regolamenti, u b'hekk sar jitqies recidiv b'sentenza datata 18 ta'Settembru, 1992, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti giet mitluba biex, f'kaz ta'htija, tordna l-konfiska ta' l-istess arma msemmija, kif ukoll tordna li Joseph Camilleri jigi skwalifikat milli jottjeni licenzja ghaz-zamma jew garr ta' arma tan-nar ghal zmien li jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza moghtija fl-20 ta'Lulju, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha kkundannat lill-Joseph Camilleri multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) u, inoltre, ordnat l-konfiska ta' l-arma.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Camilleri datat 31 ta'Lulju, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberah mill-akkuzi migjuba kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, semghet lix-xhieda, rat id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dak li qed jilmenta minnu l-appellant Joseph Camilleri huwa kollu kemm hu relatat ma' l-apprezzament tal-provi li kien sar mill-ewwel Qorti.

Kif hu ben saput, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali mhiex xi Qorti b'funzjoni bhal ma hi dik ta' Qorti ta'Prima Istanza. Mhiex xi Qorti li, kemm meta terga' tisma l-provi mil-gdid kif ukoll meta tezamina l-provi li jkunu traskritti u mqeghda fl-atti, tiskarta ghall-kollox dak li tkun ghamlet l-ewwel Qorti fl-apprezzament ta' dawk il-provi daqs li kieku dak l-apprezzament qatt ma kien sar. Il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wiehed purament ta'revizjoni, cioe' dak li trid tghamel din il-Qorti hu li tara li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb, maghmul skond il-ligi li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun waslet ghalihom.
Naturalment, din il-Qorti necessarjament trid tezamina l-provi kollha li jkunu tressqu, izda dan l-ezami jsir specifikatament sabiex din il-Qorti tezercita din il-funzjoni taghha appena msemmija, u mhux biex tirrimpjaza l-apprezzament tal-provi li tghamel ghal dak li jkun sar mill-ewwel Qorti. Kif dejjem gie ritenut, dan ir-rimpjazzament eccezzjonalment isir meta din il-Qorti, mill-ezami tal-provi li tghamel, jirrizultalha li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat jew fejn l-ewwel Qorti interpretat b'mod skorrett xi punt ta'ligi.

Minn dak li jirrizulta lil din il-Qorti, ghal dak li jirrigwarda l-kaz in ezami, ma hemm l-ebda raguni legalment valida sabiex ticcensura xi haga fl-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Dak kien apprezzament maghmul kif titlob il-ligi, u ma hemm xejn manifestament hazin jew zbaljat f'dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Dan, ghalhekk, ifisser li, in bazi ta'l-ezami tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, hi setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li hadet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, filwaqt li qed tirrespingi l-aggravju ta' l-appellant, qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur